MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 348/1998/1

**John Camilleri u b'digriet tas-6 ta' Novembru, 2008,**

**l-atti tal-kawza ghaddew fl-isem ta' Frances Camilleri u**

**wliedha Charles, Joseph, Nadine u Daniela Gauci,**

**ahwa Camilleri minhabba l-mewt tal-attur**

**John Camilleri fil-mori tal-kawza u b'digriet tat-18 ta' Frar 2014**

**stante l-mewt ta' Frances Camilleri l-atti gew trasfuzi f'isem**

**Joseph Camilleri, Nadine Camilleri, Charles Camilleri u**

**Daniela Gauci mart Paul Gauci lkoll ahwa Camilleri**

**v.**

**Philip Attard**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li pprezenta l-attur fl-20 ta' Frar, 1998, u li jaqra hekk:

> "Peress illi l-attur ikkuntratta mal-konvenut sabiex jixtri trakk tal-marka Volvo bin-numru ta' registrazzjoni PWM 101T versu l-press ta' hamest elef lira maltin (Lm5,000) liema ammont gie debitament imhallas;
>
> "Peress illi l-bejgh ma setax jigi konkluz billi l-imsemmija vettura ma setghetx tigi regolarment registrata hawn Malta u ghalhekk l-bejgh baqa' ma sarx u l-konvenut accetta li jiehu lura t-trakk.
>
> "Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex:-
>
> "1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-bejgh tal-imsemmija vettura trakk tal-marka Volvo bin-numru ta' registrazzjoni PWM 101T ma setax isehh billi dan it-trakk ma setax jigi registrat bhala vettura ai termini tal-ligi;
>
> "2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lura s-somma ta' hamest elef lira maltin (Lm5,000) flimkien mal-imghaxijiet legali, ammont imhallas lill-konvenut li ma giex rifuz lura lill-attur;

"Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-23 ta' Settembru 1993 u ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1993."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

"Illi d-domanda tal-attur ghandha tigi michuda peress illi hija nfondata fid-dritt u fil-fatt stante illi:

"1. Fl-ewwel lok irid jigi nnotat illi l-kawza prezenti hija fil-meritu identika ghall-kawza ohra precedenti fl-istess ismijiet ipprezentata mill-attur kontra l-konvenut cit. nru. 1055/95 AM li giet ikkancellata fil-5 ta' Marzu 1997 u l-attur hu preliminarjament obbligat illi jhallas l-ispejjez ta' din l-ewwel kawza.

"2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' sentejn skont l-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili.

"3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-konvenut jeccepixxi l-preskrizzjoni ta' hames snin u cioe` dik provduta f'section 1224 tal-Kodici Civili.

"4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost mhux veru li l-bejgh tat-truck ma setax isehh – fil-fatt il-bejgh sehh.

"Illi inoltre t-truck gie wzat mill-attur ghal bosta snin fil-kontinent u ghalhekk ukoll ir-rifuzjoni mitluba ta' LM5,000 mhijiex dovuta.

"Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju, 2010 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

> "**Tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek, billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u d-dritt;
>
> "**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-ftehim ta' bejgħ ta' vettura reġistrata PMW101T tal-għamla *Volvo*, bejn l-attur u l-imħarrek baqa' ma seħħx;
>
> "**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-atturi s-somma ta' ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin ewro (€ 11,646) li tħallsu mill-attur lill-imħarrek fl-okkażjoni tal-ftehim fuq imsemmi, flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-imsemmija somma b'seħħ mill-15 ta' Ottubru, 1993, sal-jum tal-ħlas effettiv;
>
> "**Tiċħad l-eċċezzjonjjiet fil-**mertu; u
>
> "**Tikkundanna** lill-imħarrek iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi din hija azzjoni dikjaratorja li kuntratt ta' xiri-u-bejgħ ta' vettura ma setax iseħħ minħabba li ma setgħetx issir ir-reġistrazzjoni tagħha. L-atturi jridu li l-Qorti ssib li l-ftehim ma setax iseħħ minħabba dik iċ-ċirkostanza u biex tikkundanna lill-imħarrek irodd lura l-flus li tħallsu lilu bħala korrispettiv ta' dak il-bejgħ;
>
> "Illi l-imħarrek jiċħad li tassew kien hemm raġuni li żżomm milli l-bejgħ seta' jitwettaq. B'argument, isemmi li l-vettura kienet ilha s-snin f'idejn l-attur u li kien jaħdem biha għal medda twila ta' żmien barra minn Malta. Jiċħad għalhekk li kien hemm xi raġuni tajba biex il-bejgħ jitwaqqa' u biex irodd lura l-prezz li kien miftiehem u tħallas. B'żieda ma' dan, jgħid li l-atturi huma miżmuma milli jmexxu 'l quddiem b'din il-kawża ladarba għadhom ma ħallsux id-drittijiet u spejjeż dwar kawża oħra fuq l-istess ħaġa li nbdiet żmien qabel mill-attur imma li kienet tħassret mil-listi. Jilqa' wkoll, b'mod preliminari, billi jgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet biż-żmien li fih setgħet titressaq;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-attur kien jaħdem bħala sewwieq fil-ġarr tal-merkanzija minn u lejn Malta. Fil-bidu tal-1990, wieħed Joseph Żammit kien laqqgħu mal-imħarrek. Dan urih "żiemel" (*tractor unit*) li l-attur seta' jinqeda bih għall-irmunkar ta' *trailers*;

"Illi l-ftehim bejn il-partijiet seħħ f'maħżen tal-imħarrek f'Ħaż-Żebbuġ[1], fil-preżenza ta' Żammit, bħala sensal[2], imma ma saret l-ebda kitba. Il-bejgħ seħħ għall-prezz ta' ħamest elef lira Maltin (Lm 5,000) li tħallsu fi Frar tal-1990[3] wara li l-attur kiseb pjanċi ta' reġistrazzjoni maltin (billi, sa dak inhar tal-ftehim, iż-"żiemel" kien għad għandu pjanċi ta' reġistrazzjoni ingliżi, jiġifieri PWM 101T) u ħallas lil-imħarrek u lil ħuh it-tariffa tat-*transfer*[4]. Kemm il-pjanċi u kif ukoll il-*logbooks* mogħtijin lill-attur ma kinux awtentiċi[5];

"Illi f'Mejju tal-1990, l-attur ħareġ polza ta' assikurazzjoni fuq il-vettura[6] (taħt il-pjanċi tagħha Maltin, jiġifieri D-8841[7]) taħt *cover* ta' "*third party fire and theft*" sat-30 ta' April, 1991;

"Illi għal xi żmien, l-attur kien jaħdem mal-imħarrek u taħt id-direzzjoni tiegħu għall-ġarr tal-merkanzija, u kien jinqeda kemm bil-pjanċi maltin u kif ukoll bil-pjanċi ingliżi skond fejn kien ikun ix-xogħol. Wara li għamel madwar sitt xhur jaħdem b'dan il-mod, xiħadd ġibidlu l-attenzjoni li dak il-logħob bil-pjanċi kien jista' jġibu fil-għali. L-attur, malli ntebaħ b'dan, reġa' niżel lura Malta u ma riedx jaf aktar bil-vettura u talab li jitħallas lura l-prezz li kien ħallas. L-attur jgħid li l-imħarrek reġa' ħa l-vettura lura u wiegħdu li, hekk kif isib il-bejgħ tagħha, iroddlu l-flus li kien ħallsu. Il-ħlas baqa' ma sarx. Xi żmien wara, l-vettura ttieħdet mill-għalqa tal-imħarrek minn xiħadd mhux magħruf waqt li l-imħarrek kien barra minn Malta;

"Illi fit-13 ta' Ottubru, 1993, l-attur bagħat ittra uffiċjali lill-imħarrek. Fl-1995, huwa fetaħ kawża kontra l-imħarrek għar-radd lura tal-prezz[8], imma l-kawża tħasser mil-listi b'degriet tal-5 ta' Marzu, 1997. Fi Frar tal-1998 infetħet din il-kawża;

---

[1] Xhieda tal-imħarrek 7.2.2003, f'paġ. 114 tal-proċess
[2] Affidavit ta' Joseph Żammit f'paġ. 62 tal-proċess
[3] Dok "JCZ3", f'paġ. 143 tal-proċess
[4] Affidavit tal-attur f'paġġ. 60 – 1 tal-proċess
[5] Xhieda ta' Jesmond Pulis 17.10.2000, f'paġġ. 72 – 3 tal-proċess
[6] Dok "FF", f'paġġ. 81 – 7 tal-proċess
[7] Dok "JCZ2", f'paġġ. 141 – 2 tal-proċess
[8] Ċitazz. Nru. 1055/95AM

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ jkun xieraq li wieħed iqis li t-talba ewlenija tal-attur hija dik li trid li jinstab li l-ftehim għax-xiri tal-vettura ma seta' qatt iseħħ. Dan ifisser li t-teżi tal-attur hi li l-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ ma kienx seħħ u baqa' ma seta' qatt jidħol fis-seħħ. Il-Qorti jidhrilha li huwa siewi ħafna li żżomm quddiem għajnejha dan il-ħsieb ewlieni fl-azzjoni attriċi, u dan xejn anqas fid-dawl ta' wħud mill-eċċezzjonijiet imressqin mill-imħarrek;

"Illi f'materja ta' ħwejjeġ mobbli, l-bejgħ iseħħ hekk kif il-partijiet jaqblu u jiftehmu dwar il-ħaġa li tkun l-oġġett tal-bejgħ u l-prezz tagħha, imqar jekk ma tkunx ingħatat f'idejn ix-xerrej u wkoll jekk ma jkunx għadu tħallas prezz il-ħaġa maqbula[9];

"Illi fil-każ tal-lum, jidher li l-partijiet kienu qablu fuq liema vettura kien tħajjar l-attur, u qablu wkoll kemm kien il-prezz jekk hu riedha. Dan il-kunsens jidher li ntlaħaq tant li l-attur ħa l-pussess tal-vettura u saħansitra ħallas il-prezz mitlub. Madankollu, hemm qbil bejn il-partijiet li ma saret l-ebda kitba biex isir it-trasferiment favur l-attur[10]. Kulma jidher li sar hu li l-attur ingħata ċ-ċavetta tal-vettura u minn hemm 'il quddiem ħa ħsieb kollox hu waħdu bla ma daħħal lill-imħarrek fl-arranġamenti milħuqa. Il-Qorti m'hijiex tal-fehma li l-irċevuta li l-imħarrek ħareġ lill-attur hija kitba li tissarraf fi ftehim tal-bejgħ tal-vettura, imma biss xhieda tal-fatt li sar xi ħlas. Fil-fehma tal-Qorti wkoll, din iċ-ċirkostanza għandha l-effetti legali tagħha wkoll fuq is-soluzzjoni tal-kawża li għandha quddiemha;

"Illi għalkemm illum il-ġurnata l-liġi m'għadhiex tisħaq għall-formalita' tal-kitba bħala element essenzjali u *ad validitatem* ta' vettura bil-mutur[11], fiż-żmien li sar in-negozju bejn l-attur u l-imħarrek dan l-element kien meħtieġ. U hekk ukoll kienet għadha l-liġi meta l-attur radd lura l-vettura lill-imħarrek. Sakemm tneħħiet il-liġi partikolari fl-1993 (il-Kap 68 tal-Liġijiet ta' Malta), trasferiment ta' vettura bil-mutur li ma jkunx sar bil-miktub kien jitqies bħala negozju, mhux biss null, imma saħansitra wieħed ineżistenti għal kollox[12]. Ftehim bħal dak

[9] Art. 1347 tal-Kap 16
[10] Xhieda tal-imħarrek 7.2.2003, f'paġ. 114 tal-proċess
[11] Ara f'dan ir-rigward, fost l-oħrajn, P.A. PS **17.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Cranes & Commercial Sales Ltd vs Lawrence Micallef***
[12] App. Kumm. **7.12.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Falzon pro et noe vs Tanti*** (Kollez. Vol: **XL.i.583**)

ma kien joħloq l-ebda titolu f'min jieħu f'idejh verttura b'dak il-mod[13]. Il-fatti kollha f'din il-kawża seħħew qabel l-1993;

"Illi dan kollu jnissel il-konsegwenza legali li n-negozju li sar bejn l-attur u l-imħarrek ma nissel qatt il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, għaliex kien arranġament li kien nieqes minn waħda mill-elementi kostitutivi li kienu meħtieġa biex dak il-kuntratt jidħol fis-seħħ;

"Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel talba u sejra twarrab ir-raba' eċċezzjoni tal-imħarrek;

"Illi dan iwassal ukoll għal kunsiderazzjoni oħra. Jidher li l-azzjoni attriċi la hija waħda dwar rexissjoni tal-ftehim u lanqas waħda ta' riżoluzzjoni tal-istess. Għalkemm sottili, id-differenza bejn iż-żewġ talbiet hija ċara fil-liġi: fil-każ tar-rexissjoni, il-kuntratt ikun jiswa, imma jkun difettuż u għalhekk jista' jitħassar; fil-każ tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, dan ikun jiswa minn kollox, ma jkollu l-ebda difett kostitutiv, imma jkun suġġett għat-tħassir tiegħu minħabba li xi waħda mill-partijiet ma tkunx wettqet ir-rabta tagħha taħt l-istess kuntratt[14]. F'tal-ewwel, il-kuntratt ikun wieħed li jista' jitħassar (jiġifieri negozju annullabbli fil-parametri ta' dak li tistabilixxi l-liġi) imma mhux null minn nislu. Dan kollu qiegħed jingħad fid-dawl ta' **l-eċċezzjonijiet preliminari mressqa mill-imħarrek**, li huma mibnija fuq il-preskrizzjoni maħsuba mil-liġi dwar azzjonijiet tal-kreditur ta' obbligazzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt[15];

"Illi fil-fehma tal-Qorti, ladarba minħabba n-nuqqas ta' kitba fl-arranġament milħuq bejn l-attur u l-imħarrek, ma jistax jingħad li kien hemm il-ħolqien ta' kuntratt, qajla jista' wieħed jitkellem dwar azzjoni għat-tħassir tal-istess kuntratt. Fi kliem ieħor, l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet ma jgħoddux għall-każ tal-lum fejn il-kuntratt ma tnissel qatt, iżda jgħoddu biss fejn il-kuntratt ikun suġġett għar-rexissjoni;

"Illi għalhekk, il-Qorti m'hijiex sejra tqis jew tilqa' t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek;

"Illi **dwar it-tieni talba attriċi** jidher li din hija konsegwenza loġika u legali ta' qagħda fejn ikun sar ħlas ta' korrispettiv fejn il-ftehim ma jkunx seħħ. F'dan il-każ, taqa' wkoll ir-raġuni għalfejn min ikun irċieva l-"ħlas" jibqa' jżommu[16], u dan b'mod partikolari il-ħlas li jsir meta ma jkunx hemm dejn, huwa ħlas li jmissu jintraddu lura (dak li huwa magħruf bħala "*indebitum ex re*" maħsub fl-artikolu 1147(1) tal-Kodiċi Ċivili[17]. Fil-każ tal-lum, ma huwa bl-ebda mod kontestat li l-attur ħallas lill-imħarrek b'kemm illum iġibu ħdax-il elf u sitt mija u sitta u erbgħin ewro (€ 11,646). L-imħarrek jgħid li dawn għandu dritt iżommhom, għaliex l-attur żamm il-vettura għal ċertu żmien u wżah;

---

[13] P.A. **23.2.1965** fil-kawża fl-ismijiet ***Scicluna noe vs Grima et*** (Kollez. Vol: **XLIX.ii.756**)
[14] G Alpa *Corso di Diritto Contrattuale* (Cedam 2006) paġġ. 128 – 130 u 141 – 2
[15] Artt. 1222 u 1224 tal-Kap 16
[16] Art. 1022(1) tal-Kap 16
[17] P.A. PS **12.10.2005**, fil-kawża fl-ismijiet ***Maria Galea vs Grace Borġ***

"Illi l-Qorti ma jidhrilhiex li l-imħarrek għandu raġun. Apparti li hemm konflitt qawwi fil-provi mressqa dwar jekk huwiex minnu li l-attur ingħata l-wegħda li l-flus jintraddulu lura hekk kif il-vettura li hu ta lura lill-imħarrek jinstabilha l-bejgħ tagħha, huwa fatt mhux kontestat li l-attur radd lura l-vettura lill-imħarrek[18] u li l-attur baqa' qatt ma ngħata lura dak li kien ħallas. Il-fatt li l-attur ħadem bil-vettura (taħt struzzjonijiet u inkarigi mogħtijin saħansitra mill-imħarrek innifsu) għall-ġarr ta' merkanzija fuq il-kontinent ewropew, ma jibdilx il-fatt li dik is-somma kienet ingħatat sepċifikatament lill-imħarrek għaliex il-fehma kienet li kien qiegħed jitħallas il-korrispettiv ta' bejgħ miftiehem. Jiġi allura li, ladarba l-bejgħ ma seħħx, daqstant ieħor ma jifdalx raġuni għaliex l-imħarrek għandu jibqa' jżomm dik is-somma;

"Illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, ma ntweriex li l-imħarrek laqa' għandu l-ħlas b'mala fidi. Dan minbarra l-fatt li l-attur ukoll jidher li kien ħa ċerta inizzjativa biex jipprova jirranġa l-affarijiet b'mod ieħor mhux lil hinn minn kull suspett. F'kull każ, il-mala fidi m'hijiex preżunta u min (jekk) jallegaha, irid jippruvaha. L-attur ma weriex b'mod invinċibbli li l-imħarrek kien qarraq bih, u jidher li kienu ċirkostanzi oħrajn li webblu lill-attur li kien aħjar irodd il-vettura lura lill-imħarrek u jitlob ir-radd lura tal-prezz. Ladarba l-Qorti qiegħda tasal f'din il-fehma, jiġi li l-imħarrek kien obbligat li jrodd lura l-kapital biss[19];

"Illi, madankollu, ladarba l-attur kien imbagħad interpella uffiċjalment lill-imħarrek biex irodd lura l-flus u ladarba l-imħarrek baqa' jżomm għandu dik is-somma, ġara li b'hekk tqiegħed f'mora u bdew jgħaddu l-imgħaxijiet bis-saħħa tal-liġi[20];

"Illi għar-rigward tal-**ewwel eċċezzjoni preliminari** mqajma mill-imħarrek, jidher li din tistrieħ fuq dak li jipprovdi l-artikolu 907(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża, ma tressqet lebda prova biex tissostanzja din l-eċċezzjoni. Il-piż ta' dik il-prova kien jaqa' fuq l-imħarrek. Din iċ-ċirkostanza reġgħet issemmiet mill-għaref difensur tal-imħarrek waqt it-trattazzjoni tal-għeluq, imma l-Qorti m'għandhiex elementi biżżejjed fl-atti tal-kawża biex issib jekk huwiex minnu jew le li l-atturi naqsu li jħallsu l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel, jew jekk l-ewwel kawża kinitx tabilħaqq fuq l-istess suġġett;

"Illi għalhekk, bla ebda ħsara għal kull rimedju li l-imħarrek jista' jkollu dwar din il-pendenza, l-eċċezzjoni m'hijiex sejra tintlaqa';"

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha:

[18] Ara, App. Ċiv. **28.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***L & D Attard Co Ltd vs Eurometal Co Ltd.***
[19] Art. 1023(2) tal-Kap 16
[20] Artt. 1139 u 1141(1) tal-Kap 16

> "… … … tirrevoka s-sentenza tal-Prim Istanza u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur Camilleri."

Rat ir-risposta tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu sabiex din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tichad l-appell maghmul mill-konvenut appellant u tikkonferma fl-interezza taghha s-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Lulju 2010 fl-ismijiet premessi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenut appellant."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

F'din il-kawza l-attur jghid li hu "xtara" trakk tat-tip Volvo fl-1990, izda qed jitlob dikjarazzjoni li l-"bejgh" bejnu u l-konvenut "*ma setax isehh*" peress li t-trakk ma setax jigi registrat kif trid il-ligi, u ghalhekk talab li jinghata lura l-flus li hallas ghall-istess vettura. L-ewwel Qorti sabet favur l-attur. Ikkonstatat li s-suppost bejgh tal-vettura kien null u inezistenti, peress li ma saretx kitba ta' bejgh kif kien rikjest *ad validitatem* f'dak iz-zmien. Darba wkoll li rrizultalha li l-

vettura inghatat lura lill-konvenut, ordnat ir-rifuzjoni tal-flus li l-attur kien ghadda lill-konvenut.

Il-konvenut appella mis-sentenza u jissottometti li kien hemm “karta” datata 20 ta’ Frar, 1990, li tevidenzja l-bejgh, u, f’kull kaz, l-attur ma jistax jirripudja l-bejgh darba li, ghal xi zmien, zamm u ghamel uzu mill-vettura. Il-konvenut jghid li hu ma hax lura l-pussess tat-trakk, u quddiem din il-Qorti eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a termini tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

Trattat l-appell, din il-Qorti tghid li hi taqbel mal-posizzjoni li hadet l-ewwel Qorti fir-rigward tal-allegat bejgh. Darba li tressaq ghall-konsiderazzjoni taghha “bejgh” ta’ vettura li suppost sehh fl-1990, kellha kull dritt tara jekk fil-fatt kienx hemm bejgh. Darba li jirrizulta li bejn il-partijiet ma saret l-ebda kitba biex isir it-trasferiment tal-vettura, kif kienet tesigi l-ligi dak iz-zmien, il-Qorti ma setghetx tipprocedi bhal li kieku kien jezisti l-bejgh, meta legalment ma kien sehh xejn (u dan ghax bejgh ta’ vettura mhux bil-kitba kien jitqies null u sahhansitra inezistenti).

Il-konvenut jghid li kienet tezisti “kitba”, pero`, kull ma indika hija biss ricevuta ta’ hlas li hareg il-konvenut meta rcieva l-flus, u ircevuta hija biss xhieda tal-hlas, pero` mhix l-obbligazzjoni innifisha li f’dan il-kaz kellha tirrizulta minn

kitba li fuqha l-kunsens tal-partijiet kellu jkun manifest (ara **Magri v. Spiteri**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Lulju, 2012). Dak in-negozju, li jehtieg kitba privata ghall-ezistenza tieghu, ma jistax jintwera li jezisti b'semplici ricevuta ta' xi hlas li seta' sar bejn il-partijiet.

Inoltre, kitba privata, skont il-ligi, tehtieg il-firem taz-zewg partijiet (ara **Spiteri v. Buhagiar** deciza minn din il-Qorti fl-20 ta' Jannar, 1961, u **Pace Bonello v. Malta Hotels and Restaurants Association**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri fil-21 ta' Mejju, 2010) izda f'dan il-kaz, fuq l-ircevuta, kif wiehed jistenna, ma hemmx firma tal-attur li hallas, izda biss tal-konvenut. Kwindi, la darba bejgh ma jezistix, il-flus li suppost "thallsu" iridu jintraddu lura, ghax hlas "*bla ma jkollu jinghata*", irid jintradd lura (Artikolu 1147(1) tal-Kodici Civili). L-uzu li l-attur seta' ghamel tat-trakk hu immaterjali la darba di diritto ma kienx hemm bejgh bejn il-partijiet.

Jirrizulta wkoll li l-attur ikkonsenja t-trakk lura lill-konvenut li accettah. Il-konvenut stess stqarr li t-trakk (jew tractor, kif gieli jissejjah) thalla fil-proprjeta` tieghu bic-cavetta mieghu, tant li l-attur jghid li hu l-konvenut anke qallu li meta jsibu l-bejgh tieghu jhallsu l-flus lura. Jidher li dan it-trakk sparixxa mill-ghalqa tal-konvenut, pero`, bhala fatt dan inghata lura lill-konvenut li zammu ghandu sakemm "xi hadd" ippossessa ruhu mill-istess waqt li l-konvenut kien imsiefer. Darba l-konvenut inghata u zamm il-pussess tal-vettura fi hwejjgu, il-*periculum*

*rei perditae* kienet ghaddiet ghal fuqu, u ma jistax issa jilmenta li t-trakk ma ghadux f'idejh u allura ma ghandux irodd lura l-flus li ircieva ghalih.

L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ma qisietx l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikoli 1222 (sentejn) u 1224 (hames snin) tal-Kodici Civili, u dan peress li ikkonsidrat li l-istess artikoli mhux applikabbli ghall-kaz. Quddiem din il-Qorti il-konvenut appellant issolleva eccezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1027 tal-istess Kodici. Din il-Qorti tara pero` li lanqas dan l-artikolu ma hu applikabbli ghall-kaz. Dak l-artikolu jolqot l-azzjoni bazata fuq il-kwazi-kuntratt ta' min ikun hallas bi zball mentri hawn, kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti, ghandna inezistenza totali tal-obbligazzjoni fit-termini tal-Artikolu 1147(1) tal-Kodici Civili. Dan tal-ahhar jirreferi ghall-inezistenza oggettiva ta' obbligazzjoni, li hi differenti mill-kwazi-kuntratt ta' *indebiti solutio*, li jitkellem fuq inezistenza soggettiva tal-obbligazzjoni (ara, ghall-analizi tad-differenza bejn iz-zewg istituti, il-kawza **Micallef v. Gravina**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-4 ta' Ottubru, 2011, u **Borg v. Vella Group Ltd.**, deciza minn din il-Qorti, Sede Inferjuri, fis-7 ta' Mejju, 2010).

Fil-kuntest tal-preskrizzjoni ta' sentejn ibbazata fuq l-Artikolu 1222 (dik ta' hames snin giet abbandunata fi stadju tal-appell), din il-Qorti taqbel ma' dak li osservat l-ewwel Qorti li l-azzjoni attrici mhix wahda ta' rexissjoni, li tista' tigi ezercitata meta kuntratt ikun jiswa, imma jkun jista' jithassar minhabba xi

difett. Hawn non si tratta minn kuntratt annullabbli, izda li ma jezistix, u l-attur mhux qed jitlob ir-risoluzzjoni tas-suppost bejgh, izda dikjarazzjoni li dak il-bejgh qatt ma sar ghax ma setax isehh.

Dwar l-aggravju relatat mal-imghax, inghatat meta inghatat is-sentenza, dawn ghandhom jithallsu mid-data tal-interpellazzjoni ufficjali ghall-hlas li saret mill-attur fil-15 ta’ Ottubru, 1993, kif stabbiliet u ordnat l-ewwel Qorti.

Ghall-bqija s-sentenza tal-ewwel Qorti hija korretta fl-analizi li ghamlet tal-kaz, u din il-Qorti ma tarax li ghandha tvarjaha fil-hsieb kif traccjat minnha u li wasslitha tilqa’ t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza, stante li z-zewg partijiet ippartecipaw fil-holqien ta’ negozju inezistenti, jibqghu kollha bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------